MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2022

Appell Inferjuri Numru 188/2019 LM

**Elmo Insurance Limited (C 3500)**
*('is-soċjetà appellanta')*

***vs.***

**Grezzju Abela**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà attriċi **Elmo Insurance Limited (C 3500)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tal-5 ta' Novembru, 2020, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà attriċi fil-konfront tal-konvenut **Grezzju Abela** [hawnhekk 'l-appellat'].

**Fatti**

2. Permezz tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, is-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ordnat iħallas is-somma komplessiva ta' sebat elef, erba' mija u wieħed u tmenin Euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€7,481.89), rappreżentanti danni, imgħax, spejjeż ġudizzjarji u VAT li għamlet tajjeb għalihom is-soċjetà attriċi bħala assikuratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBD 098, proprjetà tal-appellat.

**Mertu**

3. Is-soċjetà attriċi spjegat li fit-23 t'Awwissu, 2015, seħħ inċident fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBD 098 proprjetà tal-konvenut u misjuqa minnu, u numru ta' vetturi appartenenti lil terzi, ħamsa b'kollox. Fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, il-konvenut kien assikurat mas-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi spjegat li fuq l-iskorta tal-fatti u taċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ l-inċident, fil-fehma tagħha kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni da parti tal-konvenut, kif ukoll tal-obbligi tiegħu bħala assikurat. Is-soċjetà attriċi qalet li mill-provi rriżultalha li l-konvenut kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-xorb, u għalhekk huwa kien prekluż milli jinvoka l-istess polza sabiex ikopri drittijiet jew obbligi naxxenti mill-imsemmi inċident.

4. Il-konvenut ġie nnotifikat bil-proċeduri mibdija kontra tiegħu bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, iżda minkejja dan huwa xorta waħda naqas milli jidher quddiem l-Ewwel Qorti. Kien għalhekk li s-soċjetà attriċi talbet,

u ġiet awtorizzata li tippreżenta l-kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut. Permezz tal-kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut, is-soċjetà attriċi talbet lill-konvenut sabiex jipprova bil-ġurament tiegħu li huwa debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

## Is-Sentenza Appellata

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Novembru, 2020, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà attriċi, u ddeċidiet li din għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-proċeduri quddiemha, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"Ikkunsidrat;***
>
> *Illi l-Qorti tirrileva illi l-kapitolu hu fatt proċesswali li jġib miegħu effetti speċifiċi, espressament previsti u determinati mil-liġi taħt il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta [ara Artikoli 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa deżunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni ġudizzjali f'min lilu jiġi deferit ta' fatt sfavorevoli għall-kapitolat u ta' vantaġġ għall-parti li ppreżentatu. Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Anthony Borg v. Samwel Veneziani,*** *(fn.* 1 Appell *Inferjuri, 28 ta' April, 1998) illi, "*din iċ-ċirkostanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – tal-istess konvenut."
>
> *Madanakollu, għalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wieġeb għalihom u ma jkunx iġġustifika l-ommissjoni tiegħu li jikkontesta l-kawża formalment, għandhom jitqiesu bħala konfessjoni, dana ma jfissirx li min hu tenut jiġġudika huwa obbligat joqgħod dejjem fuq dik il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija mezz ta' prova, u għandha tiġi eżaminata u evalwata flimkien mal-provi l-oħra kollha tal-kawża, u l-ġudikant jidhirlu li għandu jagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, il-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni għandha ċċedi quddiem dawk il-*

*provi l-oħra. F'dan is-sens ara d-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et.*** *(fn. 2 Prim'Awla 28 ta' Ġunju, 1952). In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-ġurisprudenza, issoktaw jikkonfermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova waħedha mhix neċessarjament u bilfors għandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attriċi in kwantu dak l-istat miġjub in essere bil-kapitolu ma għandux ifisser li qed jintroduċi derogi għall-prinċipju tal-piż tal-provi.*

*Illi fil-kawża odjerna, is-soċjetà attriċi ma ġabet l-ebda prova ħlief dik magħmula bis-subizzjoni tal-konvenut. Illi l-fatt biss li s-subent ikun naqas bla ġustifikazzjoni li jidher biex jirrispondi għall-kapitolu magħmul kontra tiegħu, m'għandux neċessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attriċi. Dan għaliex skont il-liġi "*l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt ..." (art. 694(2)). *Dan ifisser li l-prova bil-kapitolu konfessat għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova oħra li tkun prodotta. F'dan il-każ ma nġabu l-ebda provi oħra biex jissostanzjaw id-danni, imgħax, spejjeż ġudizzjarji u VAT kif reklamati fit-talbiet tas-soċjetà attriċi. Il-Qorti ma għandha l-ebda prova ta' kif l-ammont reklamat hu maqsum. Lanqas ma ġew esebiti kopji ta' ittri uffiċjali msemmija fir-rikors promutur.*

*Illi għaldaqstant, minkejja l-prova bis-subizzjoni tal-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma illi s-soċjetà attriċi ma pproduċietx dawk il-provi neċessarji biex din il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tilqa' t-talba tagħha.*

***Decide***

*Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tas-soċjetà attriċi.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ressqet l-appell tagħha mis-sentenza appellata fil-25 ta' Novembru, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti takkolji l-appell tagħha u tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-5 ta' Novembru, 2020, u minflok tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

7. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-prinċipji legali tas-subizzjoni, meta kkunsidrat li l-preżunta konfessjoni bis-subizzjoni tal-konvenut appellat ma kinitx prova biżżejjed sabiex it-talbiet tas-soċjetà appellanti jiġu milqugħa. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti kellha tasal għal deċiżjoni opposta, tenut kont tal-konfessjoni tal-appellat permezz tas-subizzjoni tiegħu, u tenut kont ukoll li huwa qatt ma deher quddiem il-Qorti u lanqas ma ressaq xi forma ta' prova li turi li dak li ġie dikjarat mis-soċjetà appellanta m'għandux mis-sewwa.

8. L-appellanta qalet li għad li huwa minnu li l-prova bil-kapitolu hija biss prova bħal kull tip ta' prova oħra, u għandha tiġi evalwata fil-kuntest tal-provi l-oħra kollha mressqa mill-partijiet, f'dan il-każ l-appellat ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkontradixxi l-istess kapitolu. Qalet li permezz tal-prova tal-kapitolu, l-appellat kien qiegħed jammetti dak premess mis-soċjetà appellanta fir-rikors promutur tagħha. Qalet ukoll li l-konfessjoni tal-appellat kellha tkun biżżejjed sabiex il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, ladarba l-appellat ma ressaq l-ebda provi. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, fejn il-ħsieb prevalenti kien li meta l-prova bis-subizzjoni ssir flimkien ma' provi oħra li jikkontradixxu l-istess subizzjoni, il-ġudikant ma jistax iwarrab tali provi jew jonqos milli jeżaminahom. Żiedet tgħid, li f'każ li ma jitressqux provi li jirribattu s-subizzjoni tal-appellat, il-Qorti għandha tistrieħ fuq il-preżunta konfessjoni. Is-soċjetà appellanta ppreżentat diversi dokumenti sabiex issostni l-pożizzjoni li ħadet f'dawn il-proċeduri, fosthom ir-*road traffic accident insurance report* dwar l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni; kopja legali tal-

ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar, 2016 li ntbagħtet lill-appellat; kopja tad-deposizzjoni ta' PS 1300 Julian Fenech waqt il-proċeduri tal-arbitraġġ fl-ismijiet '**Mapfre Middlesea Insurance plc et *vs*. Elmo Insurance Limited et**'; kopja tal-*lodo* arbitrali tal-20 ta' Ġunju, 2017; kopja tal-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tal-31 t'Awwissu, 2017; kopja tal-*lodo* arbitrali tad-19 ta' Diċembru, 2018, kopja tal-pagament li s-soċjetà appellanta għamlet favur is-soċjetà assikurattiva Mapfre Middlesea plc; kif ukoll kopja tal-pagament li s-soċjetà appellanta għamlet favur is-soċjetà assikuratriċi GasanMamo Insurance Limited, in segwitu għal-lodo arbitrali tad-19 ta' Diċembru, 2018.

L-appellat la ressaq risposta għall-appell, u lanqas ma deher quddiem il-Qorti, minkejja li kien debitament notifikat bir-rikors tal-appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, li qiegħda ssostni li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament korrett tal-prinċipju legali tas-subizzjoni. Tul is-snin il-Qrati tagħna ippronunzjaw ruħhom b'mod konsistenti dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-imġiba ta' persuna li tonqos milli tidher sabiex twieġeb għat-talbiet tal-attur f'kawża, u l-attur eventwalment jippreżenta l-kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut, kif ġara f'dan il-każ. Il-Qrati tagħna jirrikonoxxu li l-kapitolu għandu jitqies bħala ammissjoni jew konfessjoni mis-subent, sakemm il-provi l-oħra prodotti fil-kawża ma jinduċux f'moħħ il-ġudikant iċ-ċertezza

morali meħtieġa biex jasal għal konklużjoni diversa minn dik li jkun irid jasal għaliha min jagħmel it-talba għas-subizzjoni. Hekk per eżempju, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Leonard Incorvaja *vs.* Manwel Camilleri et**, mogħtija fl-4 ta' Ġunju, 2018, il-Qorti qalet:

> *"Għalkemm huwa veru li l-kapitolu għandu jitqies bħala konfessjoni meta s-subent ma jkunx deher il-Qorti sabiex iwieġeb u ma jkunx iġġustifika n-nuqqas, però b'daqshekk ma jfissirx li l-Qorti għandha toqgħod dejjem fuq il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni għandha tiġi eżaminata flimkien mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-ġudikant jidhirlu li għandu jagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, il-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni ċċedi quddiem dawn il-provi l-oħra (fn. 3 ara f'dan ir-rigward:* ***Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et****, (Prim'Awla Qorti Ċivili, 28 ta' Ġunju, 1952).*
>
> *Fis-sentenza* ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs Paul Stoner et****, tat-22 ta' Novembru, 2002, din il-Qorti qalet:*
>
> *"Il-Qorti tagħmel din l-aħħar osservazzjoni fir-rigward. Ma jfissirx illi l-fatt biss li s-subent ikun naqas bla ġustifikazzjoni li jidher biex jirrispondi għall-kapitolu magħmul kontra tiegħu kellu neċessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attriċi. Dan għaliex skont il-liġi 'l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt' (art. 694(2)). Aktar rilevanti hu s-subinċiż (3) ta' dan l-artikolu li jiddisponi illi f'kull każ tkun magħduda bħala li tagħmel prova dik il-parti biss tal-ammissjoni li l-Qorti jidhrilha li tistħoqq li tkun emmnuta."*

10. L-Ewwel Qorti kkonsidrat li ma kellhiex taċċetta li l-kapitolu jammonta għal konfessjoni taċita da parti tal-konvenut, wara li qieset li s-soċjetà appellanta, l-attriċi f'dak l-istadju, naqset milli tressaq provi in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha. Huwa ċar li l-konvenut għal xi raġuni ma riedx jipparteċipa fil-proċeduri mibdija fil-konfront tiegħu, u naqas milli jidher quddiem kull Qorti li huwa sab ruħhu mħarrek quddiemha. Jirriżulta mill-provi ippreżentati mis-soċjetà appellanta f'dan l-istadju, li wara li lill-konvenut sarlu t-test tal-*breathalyser,* ġie stabbilit li dan kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-

xorb. Fil-fatt irriżulta li l-appellat kellu livell ta' alkoħol li kien kważi d-doppju tal-limitu stabbilit, u rrifjuta li jiffirma r-riżultat ta' dan it-test. Kien abbażi ta' dawn il-provi, li s-soċjetà appellanta fetħet proċeduri kontra l-appellat, li permezz tagħhom qiegħda tippretendi mingħandu r-rivalsa ta' flus imħallsa minnha in segwitu għall-inċident awtomobilistiku li kien involut fih il-konvenut appellat, wara li l-Pulizija li marru fuq is-sit ftit tal-ħin wara li seħħ l-inċident, ikkonkludew li l-appellat kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-xorb. Il-Qorti hawn tagħmel riferiment għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Jannar, 2020, fl-ismijiet **No Deposit Cars Malta Limited *vs.* Milos Vorkapic**, fejn il-Qorti waslet għal konklużjoni diversa minn dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti fil-proċeduri odjerni, u dan minkejja li l-mertu kien simili ħafna:

> *"... Illi skont kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 702 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll paċifikament ritenut fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna (fn. 3 ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Ġunju, 2018), in-nuqqas mingħajr raġuni valida tas-subent milli jidher u jwieġeb għall-kapitoli tas-subizzjoni – li del resto huma intiżi biex jagħmlu prova tad-domanda attriċi – jitqies bħala preżunta konfessjoni. Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss waħda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tinġieb in sostenn tat-talbiet attriċi, huwa wkoll risaput (fn. 4 ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et** – deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 1952) li din il-prova waħedha mhux neċessarjament biżżejjed biex tissodisfa l-piż tal-prova inkombenti fuq l-attur għas-suċċess tal-pretensjoni tiegħu. Jingħad ukoll illi l-ġudikant mhuwiex marbut f'kull każ bil-konfessjoni li tista' tirriżulta min-nuqqas li jitwieġbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi oħrajn li jirriżultaw mill-atti proċesswali, u dan in omaġġ għall-prinċipju* actor non probante reus absolvitur.
>
> *...*
>
> *... il-Qorti ma għandha l-ebda diffikultà illi tqis illi f'dan il-każ, in-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb għall-kapitolu għas-subizzjoni, ipprovoka il-konfessjoni tiegħu għat-talba għall-ħlas tal-bilanċ sħiħ tal-prezz, u b'applikazzjoni tal-artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12*

*tal-Liġijiet ta' Malta, tqis ukoll li l-kapitolu ġie debitament mistqarr mill-istess konvenut fil-kwadru tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula."*

11. Il-Qorti kkonsidrat li l-appellat naqas milli jwieġeb għat-talbiet tas-soċjetà appellanta mingħajr ebda raġuni valida, kif ukoll naqas milli jwieġeb jew b'xi mod jirreaġixxi jew juri interess fil-proċeduri li saru kontrih. Il-provi miġjuba mis-soċjetà appellanta f'dawn il-proċeduri juru li hija s-soċjetà appellanta li għandha raġun fil-pretensjonijiet tagħha, u għalhekk is-silenzju tal-appellat u n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tiegħu fil-proċeduri, għandu jittieħed bħala konfessjoni preżunta da parti tiegħu. F'dan il-każ, il-Qorti kkonsidrat ukoll li s-soċjetà appellanta mhux biss qiegħda tistrieħ fuq il-preżunta konfessjoni, iżda resqet ukoll provi sodisfaċenti li juru li dak li qiegħda tippretendi mingħand il-konvenut, hawnhekk l-appellat huwa riżultat ta' provi inkontrovertibbli li tressqu fi proċeduri separati dwar dan l-inċident, u għalhekk il-prova saret mhux biss bis-saħħa tal-kapitoli, iżda anki bis-saħħa tal-provi dokumentarji miġjuba. Fil-fatt jirriżulta li wara l-proċeduri arbitrali bin-numru ta' referenza M4560/2015 fl-ismijiet **Mapfre Middlesea Insurance plc et *vs.* Elmo Insurance Limited et**, is-soċjetà appellanta ġiet ordnata tħallas l-ammont ta' €2,968.34, filwaqt li in segwitu għall-proċeduri arbitrali M5276/2018 fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Ltd et *vs.* Martin John Baptist et**, is-soċjetà appellanta ġiet ordnata tħallas l-ammont ta' €4,513.55, u dan sabiex tagħmel tajjeb għad-danni, imgħaxijiet u spejjeż konsegwenza tal-inċident li kien involut fih l-appellat.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tas-soċjetà appellanta, tirrevoka s-sentenza appellata, u qiegħda tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi fl-Avviż.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**